MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 6/2001/1

**Drive-A-Way Limited**

**vs**

**John Spiteri, Mary Spiteri, Marthese mart Mario Mamo, Philip Sciortino, Dorothy mart Alexander Falzon, Sonia mart Mario Sciberras, Joanne Sciortino, Emanuel Spiteri, Gemma mart Anthony Laferla, Sonia mart Aldo Falzon, Marisa Spiteri, Jacqueline Spiteri, Susanne Spiteri, Alexander Spiteri, Vivienne mart Ronnie Laferla, Alfred Spiteri, Yvonne mart Vincent Borg, Carmel sive Charles Spiteri, Sonia mart Alexander Borg u Guido Spiteri.**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Ottubru, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra c-citazzjoni;

Peress illi permezz ta' sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord tat-28 ta' Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet "John Spiteri et vs Drive-A-Way Limited" rikors numru 36B/97, is-socjeta` hemm intimata giet ikkundannata milli tizgombra mill-fond Drive-A-Way Garage gja Spiteri Garage bla numru fi Triq il-Kapuccini, San Gwann.

Peress illi hemm ragunijiet sufficjenti skond l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 sabiex dan l-Onorabbli Bord jordna illi s-sentenza minnu moghtija tigi skartata u li jerga jinstema' dan ir-rikors mill-gdid.

Peress illi din is-sentenza giet ottenuta b'qerq da parti tar-rikorrenti kontra l-intimati billi huma stqarru illi fir-rikors taghhom illi l-fond kien mikri bis-somma ta' erba' mija u tmenin lira (Lm480) meta fil-fatt, il-fond kien mikri biss ghal nofs dan l-ammont u cioe`, mitejn u erbghin lira (Lm240) billi l-ammont l-iehor ta' mitejn u erbghin lira (Lm240) kien dovut bhala hlas tal-permess ta' garage hire. Ghalhekk dana sar bi ksur ta' l-Artikolu 811 (a) tal-Kapitolu 12.

Peress illi in oltre a tenur tal-Artikolu 811 (1), ittri ufficjali prezentati fil-process u datati 31 t'Awissu 1994 huma ghaldaqstant nulli billi giet mitluba kera aktar milli kienet dovuta u ghalhekk l-interpellanza maghmula mir-rikorrenti fuq l-intimat u li fuqhom giet ibbazata s-sentenza tal-Bord zvijjaw dan il-Bord milli jaghti sentenza gusta.

Peress illi in oltre dan l-esponenti fi zmien li kienu gew notifikati l-ittri ufficcjali datati 31 t'Awissu 1994, l-esponenti kien taht kura medika ghal depressjoni taht il-kura tat-tabib George Debono M.D. u ghalkemm l-ittri ufficcjali gew notifikati fuq l-impjegat ta' l-esponenti Joseph Micallef,

dana ta'  l-ahhar, peress illi kien jaf f'liema stat kien jinsab l-esponenti, kien naqas milli jghaddihomlu sabiex ma jinkwetahx.

Jghidu l-konvenuti ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:

1. Jiddikjara illi hemm ragunijiet validi skond il-kapitolu 12 sabiex is-sentenza minnu moghtija fit-28 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet fuq premessi fir-rikors numru 36B/97 tigi mhassra u r-rikors jigi trattat mill-gdid.
2. Tordna li r-rikors bin-numru 36B/97 jerga' jigi ritrattat mill-gdid.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahluf u l-lista tax-xhieda.

Ra s-sentenza tieghu tat-13 ta' Marzu 2002 li biha cahad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ra l-verbal ta' l-ewwel ta' Lulju 2002.

Ikkonsidra,

1. Wara d-decizjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet il-Bord ser jghaddi ghat-tielet eccezzjoni "Fit-tielet lok in-nullita` tal-procedura billi l-attur naqas li jinterponi appell mid-decizjoni tal-Bord meta l-fatti kollha kienu maghrufa ghalih qabel ma skada t-terminu tal-istess appell u dan a tenur ta' l-artikolu 812 tal-Kapitolu 12".

2. Qabel xejn il-Bord ihoss li jrid jghid li bhala Qorti ta' l-ewwel grad ghandu l-kompetenza li jisma' u jiddeciedi proceduri ta' smiegh mill-gdid skond il-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u skond l-art 42 tal-Kap 69.  Dan qed jinghad imhabba r-raba' eccezzjoni billi tqeghdet fejn tqeghdet u tista' tfisser li l-Bord m'ghandux kompetenza li jisma` u jiddeciedi dan il-kaz.  Hjiel ta' dan inghata fis-sentenza 'in parte' moghtija mill-Bord.

3. L-art 812 li fuqu hi msejsa t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti:

“Ir-ritrattazzjoni ta’ kawza deciza b’sentenza moghtija minn Qorti ta’ l-ewwel grad u li ghaddiet f’gudikat, tista’ tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess,f’kull wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien ta’ l-Appell”.

4. Dan l-artikolu huwa l-istess bhal art 829 ta’ l-Ordinanza IX tal-1886. Il-gurisprudenza tghallem li l-istitut ta’ ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu u li “l-organizazzjoni ta’ l-ordni guridika fl-istruttura taghna hija ta’ zewg gradi – prim istanza u appell – mentri ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u polezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta’ l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi, basta li fl-ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunu dovuti ghan-negligenza procedurali ta’ min jitlob ir-ritrattazzjoni (ara “Fenech vs Fenech” App. 21/2/96; “Xuereb noe vs Mamo et” App ; 27/10/00; “Mifsud Bonnici noe vs Scicluna noe” App 26/3/94; “Vella vs Galea” App mill-Bord 20/11/98 u sentenzi imsemmija; “Grech noe vs Bowman noe’ App 7/10/97 li jdawwlu l-principju msemmi.

5. Hawnhekk qed tintalab ritrattazzjoni imsemmija fuq fatti li s-socjeta` attrici kienet taf bihom waqt il-proceduri tar-rikorsi; ammont ta’ kera u l-ittri ufficcjali relattivi, xi forma ta’ mard mentali. L-ittri ufficjali gew prezentati mill-intimati ta’ llum fis-seduta tad-19 ta’ Settembru 1997 waqt il-proceduri tar-rikors 36/97, Ernest Gauci u Joseph Micallef ghamlu affidavit. Fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2001 sar il-kontroezami ta’ Ernest Gauci u ta’ Joseph Micallef. Jinghad ukoll lis-socjeta` attrici kellha quddiemha miftuh il-bieb li tmur quddiem Qorti ta’ Appell.

6. Ghalhekk l-azzjoni attrici ma tistax tregi ghax tmur kontra l-art 812 tal-Kap 12 – il-fatti li qed tilmenta dwarhom is-socjeta` attrici setghu tqajjmu waqt il-

proceduri fir-rikors 36/97 li gie prezentat fil-25 ta’ Marzu 1997 u gie deciz fit-28 ta’ Marzu 2001 mill-Bord diversament presedut. Ic-citazzjoni (numru 6/01) giet prezentata fit-8 ta’ Gunju 2001. Il-Bord jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti u jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, l-ispejjez barra dawk diga decizi jithallsu mis-socjeta` attrici.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici ritrattandi b’aggravji li fil-verita` ma ghandhom l-ebda konnessjoni mal-motivazzjoni u l-parti operattiva tas-sentenza minnha kontestata.

Jidher bil-wisq evidenti illi ghas-socjeta` appellanti sfugga kompletament mill-konsiderazzjonijiet taghha l-fatt illi s-sentenza appellata kienet tirrigwarda biss it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti ritrattati. Dik cjoe riferibilment ghan-nullita` tal-procedura fit-termini tal-Artikolu 812 tal-Kap. 12. Disposizzjoni din tal-ligi procedurali illi dwarha gie dikjarat illi r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni “non e` ammissibile quando la sentenza puo` essere impugnata col mezzo ordinario dell’appello” – “**Gauci noe –vs- Gauci et**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 31 ta’ Ottubru 1895 riportata a **Vol XV pagna 266**. Dan ghaliex hu biss eccezzjonalment illi decizjonijiet moghtija fl-ewwel grad u li ghaddew in gudikat jistghu jigu ritrattati “basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom tintalab ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta’ l-appell” (Art 812).

Ifisser ghalhekk illi “l-attur irid qabel xejn allura jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-fatti li dwarhom qed jitlob ir-ritrattazzjoni u li jgiddbu l-versjoni li nghatat lill-Qorti u li fuqhom iddecidiet il-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u li allura jirrendihom foloz, sar jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien ta’ l-appell” – “**Joseph Cardona –vs- Maria Scicluna**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 5 ta’ Ottubru 1994. Pre-kondizzjoni din essenzjali u li riedet tigi provata biex jinghata aditu tar-ritrattazzjoni. Ara a propozitu s-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet “**Arthur Taliana et –vs- Godwin Falzon pro et noe**”, Appell, Sede Inferjuri, 5 ta’ Marzu 2003.

Huma biss dawn l-aspetti li gew kummentati mill-Bord fis-sentenza appellata. Fl-ebda mument din l-istess sentenza ma dahlet biex tezamina jew tiddeciedi l-meritu tar-ragunijiet dedotti mis-socjeta` appellanti bhala l-bazi tat-talba tar-ritrattazzjoni. Anzi jista' jinghad illi l-motivi li fuqhom is-socjeta` appellanti appoggjat it-talba tar-ritrattazzjoni taghha tal-kawza deciza ma gew minsusa xejn.

Jista' facilment jinghad ghalhekk illi gjaladarba l-aggravji li tressqu ma jirrigwardaw l-ebda aspett vitali tad-decizjoni appellata jigi li dawn l-istess aggravji huma mproponibbli u proceduralment irritwali billi ma segwewx ritwalment dak li jinsab dispost fl-Artikolu 143 tal-Kap 12 u li, a propozitu, jipprovdi illi r-rikors ghat-thassir tas-sentenza ghandu jkun fih oltre r-riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata, ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qed isir l-appell. Ragunijiet li proceduralment u logikament quddiem Qorti ta' revizjoni kellu jkollhom rapport mas-sentenza innifisha u mhux ma' aspetti ohra mhux decizi. Jinghad finalment illi kieku kellha din il-Qorti tippresta attenzjoni aktar minn dak li dehrilha hawn li kellha takkorda dan ikun jirripunja ghall-intelligenza taghha.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati mis-socjeta` attrici appellanti. Dawk tal-Bord jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------